Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 78 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Josric Mifsud

Vs

Brian Busuttil

Illum 25 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Brian Busuttil, detenur tal-karta tal-identita Maltija 284373 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 t' Ottubru, 2017 bejn l-10.00am u 10.30pm waqt li kien gewwa l-Birgu:

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b' ghajjat u storbju;
2. Volontarjament qal kliem oxen li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku;
3. Hedded jew ingurja lil PC 858 Justin Axisa, persuna inkarigata skond il-Ligi mis-servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 858 Justin Axisa, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal lil imsemmija ufficjali waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338 (dd), 338 (ee) iddikjarat lill-imputat Brian Busuttil hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt ewro (€800) u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rat iehor fi zmien sitt (6) xhur filwaqt li illiberatu mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x' jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brian Busuttil, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni (2) u hati tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba kontrih, **TIRREVOKAHA** fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u danbilli **TIDDIKJARAH** mhux hati ta dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija jew piena; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Brian Busuttil li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.

Ghalkemm huwa minnu, u dan a skorta ta' gurisprudenza, illi mhux kull kunflitt ta' prova jwassal necessarjament ghal liberatorja, la kien safe u lanqas satisfacotory, anzi certament perikoluz, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, strahet biss fuq dak li gie miktub fl-affidavit ta' PC 858 Justin Axisa u skartat kompletament l-ispjegazzjoni illi ta l-appellant.

Illi skont gurisprudenzja kostanti l-Qrati taghna dejjem irritenew illi il-grad tal-prova li prosekuzzjoni trid tilhaq sabiex Qorti tista ssib htija, hi dik ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni izda l-Ewwel Qorti nonostante l-kunflitt ta' provi waslet biex sabet htija fl-appellant billi strahet esklussivament fuq il-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi jigi rilevat illi meta Qorti tkun rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat peress illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar provi liema provi ghandhom iwasslu u jikkonvincu lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".

Illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni hija mitluba ggib il-provi kollha kemm favur u kemm kontra l-persuna akkuzata u dan sabiex tipprova l-kaz taghha filwaqt li l-akkuzat ghandu dritt illi ma jixhidx stante illi huwa prezunt innocenti, fil-kaz odjern l-appellant iddecieda illi jispjega r-retroxena ta' kif gara l-kaz u d-dinamika tal-incident quddiem l-Ewwel

Onorabbli Qorti liema verzjoni tikkombacja u tikkonferma dak mistqarr mill-appellant a tempo vergine lill-Ufficjal tal-Pulizija dakinhar tal-incident kif muri fl-affidavit stess.

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt': "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.
Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi a skans ta' ekwivoci l-appellant jirrileva illi huwa ammetta minnufih ir-raba' akkuza filwaqt li gie lliberat mit-tieni akkuza u ghalhekk dawn l-akkuzi mhux se jigu trattati waqt dan l-appell.

L-aggravju rigward is-sejbien ta' htija tal-ewwel akkuza

Illi fir-rigward tal-ewwel akkuza u cioe' rigward il-ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika bi storbju b'ghajjat u/jew glied dana zgur illi ma giex ippruvat mill-affidavit tal-Pulizija. Illi sabiex dina l-akkuza tigi pprovat hemm grad ta' prova hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daniel Briffa numru 144/2009 (Magistrat Dr. Edwina Grima - 24/10/2012) fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il- Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV pagina 441):

'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u ?ie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuh jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal- Kodici Kriminali.' Illi mil-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l-imputat u l-parti leza u ghalkemm l-it-tnejn li huma ikkagunaw griehi lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fit-triq jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom.''

Illi fil-kaz in dizamanina ma giex pprovat li veru kien hemm persuni ghaddejjin fit-triq jew li hargu fil-triq minhabba l-allegat disgwid u kliem li inqala bejn l-appellant u l-Ufficjal tal-Pulizija anzi n-nies kienu diga' migburin barra minhabba l-pandemonju li nqala' peress li kien hemm dik il-karozza pparkjata fin-nofs u ghalhekk zgur illi ma kienx l-atteggjament tal-appellant illi wassal sabiex in-nies johorgu barra. In-nies kienu diga' migburin u kienu diga' qeghdin jilmentaw minhabba illi l-karozza pparkjata ghalqet it-toroq u l-ebda karozza ma setghet tghaddi. L-appellant ma holoq l-ebda ksur ta' bon ordni la bi kliemu u lanqas bil-gesti tieghu. Ghaldaqstant, dina l-akkuza ma giet sufficentament pprovata ghal grad rikjest mil-ligi.

L-aggravju rigward is-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza

Illi inoltre l-appellant jinsab akkuzat ukoll illi kliem insolenti u ta' theddid fil-konfont ta' P.C. 858 J. Axisa u dan waqt il-qadi ta' dmirijietu.

L-artikolu in desamina u cioe' l-artikolu 95 jipprovdi s-segwenti:

"kull minn jingurja jew jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz..."

Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif kontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita specjali minhabba dak ir- rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku u cioe' kif jghid Crivellari fil-ktieb tieghu Codice Penali, li:

"questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa."

L-istess awtur izid jghid li:

"l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa."

L-element ta' dan r-reat kif jghid Crivellari u kkonfermati fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet Il-Pulizija v Amante Camilleri huma s- segwenti:

e necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro; soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale; l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti; vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`; l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni; l'elemento intenzionale.

Fis-sentenza fuq citata, l-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet li biex ikun hemm d- delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

li l-kliem denunzjali bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu inghadu officio durante nel contemplatione officii, u li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di viso, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu skond il-gurisprudenza Taljana hija l-istess u cioe' tinghata l-istess tifsira u interpretazzjoni.

Fil-ktieb Il Codice Penale Italiano Illustrato ta' Giovan Battista Impallomeni taht it-Titolu III para 393 imsejjah Dei Delitti contro La Pubblica Amministrazione jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

"*ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere commesse contro il pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione*".

Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

"*non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione*".

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem "la sua funzione" ghaliex jghid li:

"*e un requisito obbiettivo e nesso funzionale e cioe' la necessita' che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria*".

Ghalhekk jirrizulta li jrid ikun hemm "*il nesso di casualita tra l'offesa e la funzione*".

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija v Amante Camilleri kompliet telabora u tghid illi:

Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l- kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' lufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm irreat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li lkliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna.

Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk ilprosekuzzjoni ppruvatx sal-grad litrid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghallpersuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li lagent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal- agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; ilkliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."

In oltre, fil-kaz Il-Pulizija v Emanuel Pace, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissussisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun

inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "officio durante ad contemplazione officii".

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jezistix.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmel Farrugia l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn uffucjal pubbliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.

L-appellant umilment jirrileva illi meta persuna taghmel rimostranza ma' Ufficcjal tal-Pulizija minhabba li l-persuna tkun thoss li l-Ufficcjal mhux korrett fid-decizjoni tieghu u li tkun ser tirraporta lil dak l-Ufficcjal mas-Superjuri tieghu - per se - mhix forma ta' theddida skont il-Ligi u l-anqas hija - per se - ingurjuza fis-sens tad-dritt penali Malti. Alla hares kien hekk ghaliex dan ikun ifisser li hadd f'awtorita' ma jkun kontabbli ghal eghmilu mas-superjuri tieghu.

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech) vs Joseph Debrincat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'Ghawdex nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001 fejn intqal:

Illi skond kif ighallem il-Maino, l-oltragg ma ghandux jigi konfuz massemplici rimostranza. Dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-ghemil abbuziv u prepotenti ta' ufficjal pubbliku hija respinta u ghalhekk ir-reazzjoni spontanea u momentarja da parti tal-persuna koncernata hija ammess, purke l-imputat ma jkun ittrasmoda f'eccessi li ma kienux mehtiega. Certament li l-imputat odjern ma ghamel xejn minn dan. Kull ma ghamel l-imputat hu li rreagixxa ghax deherlu, anke jekk soggettivament, li ohtu kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Indipendentement minn jekk fil-fatt dan kien minnu, "la ragionevole credenza di essere stato vittima di un att arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio" (Gpa sul Cod. Penale,

Ugo Conti, Art. 194, para. 163 ikkwotatat fi "Pulizija vs Frank Attard", Appell Kriminali - Imhallef Onor. William Harding, 29 ta' Marzu 1958). Zgur li ma giex ippruvat mill-proskeuzzjoni li kellu l-animus iniuriandi. Kliem bhal "issa naraw" (u anke inpattihielek) ma jfissirx necessarjament li min lissinhom sejjer jikkommetti xi atti llegali konsistenti f'xi vendikazzjoni jew vendetta. Jista' jkun illi jkun sejjer jiehu azzjoni rimedjali skond il-ligi, billi per ezempju jaghmel rapport opportun lill-ufficjali oghla, bhallKummissarju tal-Pulizija. U l-kelma trid tittiehed fil-kuntest ta' lokkazzjoni. Di piu' l-kelma li lissen l-imputat mhix per se wahda ta' theddid, u ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li ntqalet millagent bl-iskop ta' intimidazzjoni (Appell Kriminali "Pulizija vs Amante Camilleri" 17 ta' Ottubru 1997 Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano) - haga li l-prosekuzzjoni manifestament naqset li taghmel.

Illi l-appellant jirrileva illi meta wiehed jikkonsidra l-provi prodotti f'dan il-kaz senjatament l-affidavit tal-kuntistabbli PC 858 J. Axisa ma jirrizultax li l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija fil-konfront tal-appellant jissussistu tenut kont tal-fatt illi kien l-appellant stess illi cempel l-ghassa tal-Pulizija sabiex jigu l-Pulizija minhabba l-fatt illi kien hem karozza pparkjata hazin fin-nofs, tenut kont tal-fatt illi l-istess Ufficjal tal-Pulizija minflok ra kif ghamel u kkalma s-sitwazzjoni iktar ikkumplika s-sitwazzjoni u tenut ukoll tal-fatt illi l-istess appellant kien tard u fil-fatt spicca tile fil-grizma tat-tifla. Illi l-appellant jirrileva umilment illi l-ufficjali tal-pulizija jridu jaghtu aktar widen lic-cittadini huma min huma meta jersqu ghandhom biex jitolbu l-ghajnuna jew inkella biex jirraportaw abbuz specjalment skont ic-cirkustanzi tal-kaz partikolari. Illi zgur illi l-kliem li uza l-appellant ma kienx intiz sabiex jhedded jew jingurja lill-Ufficjal tal-Pulizija imma kien biss sforz is-sitwazzjoni li sahnet ftit fil-mument in dizamina u ghalhekk l-appellant umilment jirrileva illi ghandu jigi liberat mit-tielet akkuza.

Aggravju fir-rigward tal-Piena Erogata

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi [f'dan il-kaz l-appellant mhux recidiv], wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li

jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Ghalhekk il-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Rat l-afidavit ta’ PC 858 esebit fl-atti u mhaluf nhar il-15 ta Novembru 2017. Huwa jghid li nhar il-15 ta Ottubru, 2017 bejn is-6.00a.m. u is-2.00pm huwa kien ordnat il Birgu minhabba ativit li kienet qed issir rigward il Birgu Fest. Fejn f’hin minnhom waqt li kien gewwa l pjazza tal-Birgu ghall-habta tal-10.00a.m kienu marru xi nies jilmentaw li kien hemm karozza ipparkjata f’nofs it-triq u b’konsegwenza ta’ hekk ma setghux jghaddu karozzi.

B'hekk huwa mar immejatament fuq l-post indikat u appena wasal sab diversi nies jistennew bil-karozzi taghhom biex ikunu jistghu jghaddu minn Triq il-Palazz l-Antik, Birgu peress li dak il-hin il-pjazza kient maghluqa. F'hin minnhom marret persuna maskili fuqu u wara hafna battuti gie verifikat li kien l-imputat appellant odjern li b'aroganza' qallu 'mela ejja ghax qieghed tard ghal-grizma tat-tifla' u huwa wiegbu li kien ser icempel lil tat-towing sabiex jmur inehhi il-karozza minnn nofs u din il-persuna wegbitu 'jekk mhiex ser tresaqha issa ha naqbad u nigbidha jien'. Huwa qallu li kien qieghed fis-sewwa u jekk jghamel hekk ser tigi kontrih. Dan imbaghad qallu 'x'ser tghamilli ha taqtali l-bajd' u wiegbu biex joqghod attent kif ikelmu ghaliex hu bl-edukazzjoni kien qed ikellmu.

Jghid li dan l-appellant baqa' sejjer biha u beda ighajjat u semma hafna nies biex jirredikolah fejn f'hin minnhom qallu 'ghamel li trid issa nkellem lil min ghandi inkellem' u dak il-hin wiegbu 'ghamel li thoss li ghandek tghamel'.

Rat l-okkorenza esebita mehuda minn PC 858 Axisa.

Rat l-ammissjoni ta' l-appellant registrat fir-rigward tar-raba' akkuza

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2018.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni tal-appelant fir-rigwaad ir-raba' akkuuza u rat li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni akkuza u ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk it-talba tal-appellant sabiex ikun hemm riforma fis-sentenza appellata fir-rigward tal-htija ai fini ta' l-ewwel u tat-tielet akkuza hix gustifikata. Rat ukoll li f'kaz li din il-Qorti ma tara li hemm lok ghar-riforma tas-sentenza appellata kif mitluba tara jekk hemmx lok ghal temperament fil-piena, billi minflok li

tikkonferma l-piena errogata mill-ewwel Qorti taghti piena aktar gusta u ekwa fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi jinghad li l-appellant ghazel li ma jghatix id-deposizjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti kif kellu kull dritt jghamel u ghalhekk din il-Qorti ikollha tistrieh biss fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u appuntu l-affidavit ta' PC 858 Axisa.

Illi dwar l-ewwel akkuza l-appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni ta' ksur ta' paci pubblika kif prevista fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Li jipprovdi s-segwenti-
"volontarjament iser il-bonordni jw il-paci pubblika b'ghajjat u storbju".

Kif din il-Qorti diversament preseduta kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Joseph Spiteri [1], bhala regola jkun hemm il-kontravenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemi kif del rsto tajjeb irrimarka l-aavukat difensur tal-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu."[2]
Archbold fil-ktieb tieghu Criminal Pleadings[3] jikkwota dak li qal L. J. Romar fil-kawza fl-ismijiet AG v PYA Quarters Limited u cioe:

---

[1] Deciza nhar l-24 ta Mejju 1996.
[2] Vide s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament prseduta nhar il-25 ta Gunju 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v.Monica Pullicino** ( App Numru 56/2001) u **Il-Pulizija v Pio Galea** deciza 17 ta Ottubru 1997 . **Il-Pulizija vs Rocco d'Alessandro** decuz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali u nhar l-20 ta Mejju 2013 u **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Philip Zahra** deciza nhar it-22 ta Gunju 2014 Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali .
[3] pagna 2549

"It is clear in my opinion that any nuisance is 'public' which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject."

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb The Criminal Law of Scotland[4] ta' Gerald H. Gordon kwotat fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Rita Palmier[5] fejn hemm tifsira ta' x'jikkostitwixxi 'paci pubblika.'

"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance."

Illi ghalhekk minn ezami tax-xhieda prodotti minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi ksur ta' paci pubblika li kkawza xi nkwiet jew thassib f'mohh terzi persuni, stante li l-prosekuzzjoni ma ressqet lil ebda persuna, apparti l-affidavit ta PC 858 li kien involut b'mod dirett fl-allegat incident u ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-appllant hati ta' din l-akkuza.

Illi fit-tielet akkuza l-appellant gie akkuzat bir-reat ta' oltragg kif kontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita′ specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficcjal pubbliku u cioe' kif jghid Crivellari fil-ktieb tieghu Codice Penali[6], li:-

---

[4] pagna 985 - para. 4101
[5] Deciza fit-28 ta' Mejju, 1998 mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali.
[6] Vol. 6, pag 213 para 358 (Ediz. 1890)

*"questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa."*

L-istess awtur izid jghid li:

*"l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa."*

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.[7]

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg

---

[7] Vide **Il-Pulizja Spettur Joseph Busuttil Vs Florinel Nitu** deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar is-27 ta' Gunju 2016.

isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg[8] jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di*

[8] Deciza nhar it-2 ta Novembru 1917 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

*guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Sentenza ta' rilevanza ghall-dawn il-proceduri hija dik kkwotata mill-appellant fir-rikors tieghu u cioe' dik fl-ismijiet 'il-Pulizija vs Amante Camilleri'[9] rapportata aktar il-fuq fejn il-Qorti kompliet telabora fuq l-eccezzjoni li jista' jkun hemm ghall-esitenza ta' dan ir-reat. Fil-fatt dik il-Qorti qalet b'mod specifiku li:

"jekk pero' il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista' jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".

Illi mhux indiskuss li l-appellant seta' qal xi kliem zejjed lill-ufficcjal tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijeitu pero' l-avukat difensur jispejga li dan intqal bhala att ta' rimotranza ghaliex kien anzjus li mhux ser ilahhaq il-grizma ta' bintu u mhux bl-intensjoni li jingurja jew jhedded lil PC 858 Justin Agius. Illi pero' b'dispjacir kbir di il-Qorti tinnota li mill-atti ma jirrizultax li in effetti l-appellant kellu jattendi ghal xi grizma ta' wild minn tieghu u fil-fatt referenza ghal dan il-fatt fl-affidavit rilaxxjat minn PC 858 Agius ma hemmx. Fl-affidavit esebit ma' jirrizulax ir-raguni ghaliex l-appellant kien qed igorr b'dak li sehh jew ir-raguni ghaliex kien mghaggel. Jirizulta biss li in effetti kien hemm karozza pparkjata hazina u li xtaq li titnehha.

---

[9]Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) nhar is- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

Illi din il-Qorti trid esaminat fid-dettat l-affidavit ta' PC 858 Justin Agius u dan biex tara jekk l-eccezzjoni sollevata fis-sentenza ta' Amante Camilleri kif fuq spjegat tistax tirrizulta mill-atti processwali li f'dan il-kaz huma limitati hafna.

Dwar l-ewwel element cioe` li l-appellant qal xi kliem ingurjuzi jew ta theddid lil PC 858 Justin Axisa, persuna li ghandu l-kwalifika' ta' ufficcjal pubbliku, jintqal li l-appellant qallu l-kliem ' x'ser tghamilli taqtali l-bajd…' u f'hin minnhom qallu ukoll 'ghamel li trid issa nkellem lil minghandi inkellem'.

Jigi rilevat mill-Qorti li dan id-diskors zgur li mhux felici u zgur li m'ghandhux jintqal lil xi ufficcjal pubbliku li jkun qed jaqdi id-dmirijiet tieghu. Pero' dan mhux dak li qed tipprospetta l-ligi u cioe' li ikun hemm ingurja *sic et simplicite* izda li tali ingurja issir lil persuna li ghandha l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku u li dan il-kliem intqal minhabba li l-ufficcjal kien qed jaqdi is-servizz jew dmir tieghu. Jidher li dan il-kliem intqal lil PC 858 ghaleix qal lill-appellant li kien ser icempel lil tat-towing biex jiehdu l-karozza li kienet ipparkjata hazin fit-triq. Donnu l-appellant ippretenda li l-ufficcjal tal-pulizija jaqbad u jnehhi l-karozza minn nofs ta' triq proprju dak il-hin. Illi jirrizulta li l-fatt li l-appellant qal dan id-diskors mhux kontestat u lanqas hu diskuss li dawn il-kliem intqalu waqt li l-ufficcjal kien qed jaqdi dmiru. Li hu kontestat BISS hu li l-kliem intqalu bhala att ta' rimostranza u mhux bl-intensjoni li jingurjaw lill-ufficcjal.

Il-Qorti giet mistiedna tqis il-fatti specie tal-kaz u cioe' li l-appellant allegatament kien tard sabiex jattendi il-grizma ta' bintu. Illi skond id-difiza l-appellant kien qed jistenna li l-pulizija icaqlaq il-vettura li *del resto* kienet ipparkjata hazina biex huwa ikun jista' jkompli fi triqtu. Illi huwa irreagixxa meta l-pulizija qallu li kien ser icempel lil tat-towing u allura dan kien ifisser ghalih li kellu certu ammont ta' hin li kellu jsitenna qabel ma jkompli fi triqtu u kien ghalhekk li f'dak il-hin l-appellant kien irrabjat u inkwetat bil-hsieb li seta ma jarax lil bintu tiehu is-sagrament tal-Grizma.

Mhemmx dubbju li l-element intenzjonali ta' l-appellant li jingurja lil pulizija irid jirrizulta u dan ghaleix hawn si tratta ta' delitti. Issa fil-kaz in desamina u cioe' mill-provi tal-process ma jirrizulta l-ebda att ta' rimotranza da parti tal-appellant u dan ghaliex ma jirrizulta l-ebda raguni l-ghala kellu jagixxi bil-mod li agixxa. Dak kollu li d-difiza stqarret fit-tratazzjoni taghha dwar il-grizma o meno ta' bint l-appellant hija biss allegazzjoni verbali li saret waqt it-trattazzjoni u mhux prova li tirrizutla mill-atti processwali. Il-Qorti trid tkun sodisfatta sabiex tilqa' d-difiza li l-appellant kien qed jagixxi bhala att ta' rimostranza li l-kliem fih innifsu, mad-daqqa t'ghajn ghalkemm huwa ingurjuz jistgha jghati l-kaz li jkun ntqal mhux bl-intenzjoni li ssir ingurja jew li joffendi izda filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari tal-allegat ingurjat. F'dan il-kaz ir-raguni ghal tali protest ma jirrizultax anzi semmai jirrizutla li l-appellant kien proprju qed ifixkel lill-ufficcjal pubbliku fil-qadi ta' dmirjietu billi ngurjah bil-kliem 'taqtali l-bajd' li ghalkemm fihom infushom mhumiex ingurjuzi pero' meta jintqalu quddiem in-nies u mhux kontestat li kien hemm in-nies dawn jammontaw ghal-redikolagni tal-ufficcjal. Il-Qorti ma tara li hemm l-ebda prova fl-atti li jindikaw li l-kliem li qal l-appellant lejn PC 858 Justin Agius intqal b'sens ta' kritika.

Illi skond kif jghallem il-Maino, l-oltragg ma ghandux jigi konfuz mas-semplici rimostranza. Dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-ghemil tal-volta prepotenti ta' ufficjal pubbliku hija respinta u ghalhekk ir-reazzjoni spontanea u momentarja da parti tal-persuna koncernata hija ammessa, purche dak li jkun ma jkunx ittrasmoda f'eccessi li ma kienux mehtiega.

Certament l-appellant odjern rreagixxa ghax deherlu, anke jekk soggettivament, li kien ser ikun vittma minhabba l-agir illegali ta' terza persuna. Ma jirrizultax li kien hemm "la ragionevole credenza di essere stato vittima di un att arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio" (Gpa sul Cod. Penale, Ugo Conti, Art. 194, para. 163 ikkwotatat fi "Pulizija vs Frank Attard[10]).

---

[10] Appell Kriminali - Imhallef Onor. William Harding, 29 ta' Marzu 1958

Mhemmx dubbju li l-kliem iridu jittiehdu fil-kuntest ta'l-okkazzjoni u f'dan il-kaz ma giex ipprovat li kien hmm xi okkazjoni.

Illi ghalhekk din l-akkzua tirrizulta pprovata sodisfacentement.

Dwar l-ahhar aggravju u cioe' li l-piena errogata mill-ewwel Qorti hija spoporzjonata u ecessiva jinghad li skond l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-piena li tista' tigi nflitta ghal dan ir-reat kif dispost fl-artikolu 95 tal-Kap 9 hija dik ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000). Issa jingahd li fil-kaz odjern l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant l-piena ta' tmien mitt euro (€800) u illiberatu li ma jghamilx reat iehor fi zmin sitt xhur.

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tikkonferma is-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni akkuza fejn ma sabitx lil-appellant hati u llilbertu minnha, tikkonfermaha fir-rigward fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza fuq ammissjoni tieghu stess u hati tar-raba' akkuza izda tirrformaha fir-rigward tal-ewwel akkuza fejn sabet lill-appellant hati u tilliberah minn dik l-ewwel akkuza.

Fir-rigward tal-piena nflitta, din il-Qorti ma thossx li ghandha tvarjaha u ghalhekk qed tikkonferma l-piena inflitta mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur